MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Numru 625/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**OMMISSIS X**
**OMMISSIS Y**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra OMMISSIS X ta' 14 sena, imwieled OMMISSIS, Pieta', iben OMMISSIS nee' OMMISSIS residenti OMMISSIS u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru OMMISSIS u OMMISSIS Y ta' 17 sena, imwieled OMMISSIS, Pieta', iben OMMISSIS, residenti OMMISSIS, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru OMMISSIS;

Billi huma akkuzati talli f'dawn il-gzejjer bejn ix-xahar ta' Awissu 2007 u Settembru 2007 f'xi hin gibdu jew

ippermettew li jingibdu xi ritratti, film, video, recording jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’ jew qassmu jew urew ritratti, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn jew kellhom fil-pussess taghhom ritratti, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi gabu ruhhom b’mod li taw fastidju lil OMMISSIS K jew gabu ruhhom b’mod li messhom kienu jafu li dan ikun ta’ fastidju lil OMMISSIS K.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputati sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat OMMISSIS Y ta 28 ta Marzu, 2011

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id- digriet ta’ din il-Qorti ta 18 ta Ottubru, 2010 fejn akkordat separazzjoni tal- gudizzju

Rat is- Sentenza tal- 18 ta Ottubru, 2010 fil- konfront ta l-imputat OMMISSIS X.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati, OMMISSIS Y hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 37 u 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodi ta’ sena fil-konfront ta’ l-imputat OMMISSIS Y u dana taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor

minnu nominat li ghandhom jirrapurtaw lil Qorti fuq il-progress o meno ta’ l-imputati kull sitt (6) xhur.

Din il-Piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ minorenni ta’ l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi c-cirkostanzi tal-kaz juru *“a borderline case of horseplay”* li xi uhud miz-zghazagh tal-lum tant jiddilettaw bih.

Il- Qorti tordna notifika ta din is- Sentenza lid- Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------